MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1182/2007

**Patricia Agius**

**vs**

**Gasan Mamo Insurance Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettiet:

Illi l-esponenti kienet proprjetarja ta’ vettura tat-tip Opel Astra Cabrio bin-numru ta’ registrazzjoni PAT 216.

Illi bejn il-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Dicembru 2005 din il-vettura li kienet tinsab parkeggjata ghall-lest quddiem ir-residenza ta’ l-esponenti minhabba emergenza medika li kienet inqalghet aktar kmieni dak in-nhar stess lit-tifel minuri ta’ l-esponenti, hadet in-nar.

Illi bhala konsegwenza ta’ l-istess incident imsemmi, l-vettura ta’ l-esponenti sofriet hsarat estensivi tant illi giet certifikata li hija *beyond economical repair;*

Illi din il-vettura f’dak il-perjodu kienet assigurata mas-socjeta’ ntimata’ permezz ta’ Polza ta’ Assikurazzjoni Numru ZZURX501PAT216.

Illi s-socjeta’ ntimata minkejja li giet diversi drabi nterpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali msemmija u naxxenti mill-istess incident, baqghet inadempjenti;

Tghid is-socjeta’ ntimata ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ ntimata responsabbli ghar-rizarciment tad-danni naxxenti mill-incident fuq imsemmi stante illi tali ncident kien kopert mill-Polza ta’ Assikurazzjoni Numru ZZURX501PAT216 vigenti bejn l-esponenti u s-socjeta’ ntimata.

2. Tillikwida occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-imsemmija danni konsegwenzjali sofferti mill-esponenti bhala rizultat ta’ dan l-istess incident imsemmi;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ ntimata thallas l-ammont ta’ danni hekk likwidat lill-esponenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ April 2007 u nteressi legali kontra s-socjeta’ ntimata li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' ntimata** a fol. 8 tal-process fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa rritu u null u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi jonqos il-formalitajiet rikjesti mill-ligi, u senjatament peress li l-oggett tal-kawza mhux imfisser f'paragrafi numerati separatament u dan kif titlob tassativament l-Artiklu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre tonqos ukoll id-dikjarazzjoni ta' liema fatti esposti r-rikorrenti taf bihom personalment, u dan dejjem kif titlob tassativament il-ligi fl-istess Artiklu 156(1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-kawza odjerna m'ghandha l-ebda bazi legali u ma setghetx tigi proposta mir-rikorrenti stante illi l-klawsola numru sitta (6) tal-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva (General Conditions) in kwistjoni tistipula illi '… If we refuse liability for a claim and this claim is not referred to arbitration within one year from the date of such refusal, the claim shall be deemed to have been withdrawn and cannot subsequently be revived' (kopja tal-polza annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.1). Bhala fatt, wara li dahlet il-claim tar-rikorrenti fl-14 ta' Dicembru, 2005 (Dok. GMI.2), intbaghtet ittra ta' rifjut mis-socjeta' ntimata lill-avukat tar-rikorrenti fid-9 ta' Awissu, 2007 (u cioe' sa' sena wara), ir-rikorrenti ma kinitx ghadha ntavolat proceduri ta' arbitragg kif kellha l-obbligu illi taghmel skond l-istess klawsola numru sitta (6) tal-Kundizzjonijiet Generali tal-polza assikurattiva;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-klawsola numru sitta (6) tal-Kundizzjonijiet Generali tal-polza assikurattiva suriferita, permezz ta' liema klawsola l-partijiet huma obbligati li jirreferu kull tilwima li tirrizulta mill-polza ghall-proceduri ta' arbitragg skond il-provvedimenti ta' l-Att Dwar l-Arbitragg tal-1996.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u

dan stante illi kienet l-istess rikorrenti illi naqset mill-obbligi taghha skond il-polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru ZZURX501PAT216 mahruga mis-socjeta' ntimata fir-rigward taghha, u dan fis-sens illi naqset milli zzomm il-vettura bin-numru tar-registrazzjioni PAT 216 f'garaxx bil-lejl meta l-vettura ma tkunx qed tintuza – u dan senjatament skond 'Endorsement 8' (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.4) liema endorsement (ossija kundizzjoni) kienet effettiva mill-1 ta' Mejju, 2005.

5. Illi subordinatament ghar-raba' (4) eccezzjoni, r-rikorrenti qatt m'avzat jew infurmat lis-socjeta' esponenti illi kellha xi tfal b'xi kundizzjoni medika – temporanja jew fit-tul – u liema kundizzjoni kienet tirrikjedi illi l-vettura in kwistjoni ma tinzammx iggaraxxjata kull lejl f'kaz li tinqala' emergenza. Jigi rrilevat illi r-rikorrenti la m'avzat jew infurmat lill-esponenti b'dan il-fatt fil-mument ta' meta nharget il-polza assikurattiva in kwistjoni, u lanqas f'kull mument iehor inkluz dak meta marret tirregistra 'claim' (kopja tal-'claim form' annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.2) mas-socjeta' esponenti fl-14 ta' Dicembru, 2005, u lanqas ma nfurmat lill-Pulizija a tempo vergine – u ghalhekk hija naqqset fl-obbligi taghha skond il-ligi u skond il-polza illi zzomm u thares relazzjoni in uberrimae fides bejnha u bejn l-assikuraturi taghha.

6. Illi minhabba r-ragunijiet moghtija fir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni supra, jsegwi illi ma kien hemm l-ebda kopertura assikurattiva ghall-incident in kwistjoni fir-rigward tal-vettura msemmija, u konsegwentement m'hemm l-ebda somma sew ta' danni jew ta' kwalsiasi natura ohra, illi ghandha tithallas mis-socjeta' esponenti lir-rikorrenti la skond il-ligi, u lanqas ai termini tal-polza assikurattiva in kwistjoni;

7. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'huwiex minnu illi l-vettura in kwistjoni 'hadet in-nar' kif qed tallega r-rikorrenti, izda din inharqet minn 'xi hadd b'intenzjoni doluza' – hekk kif ikkonkluda l-Magistrat Inkwirenti Dottor Lawrence Quintano fl-Inkjesta Magisterjali (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.5; u kwindi hija r-rikorrenti stess illi ghandha tapprova

illi l-incident, ossija n-nirien ma sehhewx minhabba negligenza da parti taghha, u li hadet kull prekawzjoni ragjonevoli *qua bonus paterfamilias* sabiex l-incident jigi evitat; u ghaldaqstant u sakemm tingab din il-prova s-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda obbligu illi tonora jew thallas kwalunkwe somma ta' danni pretiza mill-istess rikorrenti;

8. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghandha ggib kull prova skond il-ligi tad-danni attwali illi allegatament sofriet in segwitu ta' l-incident imsemmi;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw it-tieni eccezzjoni;

**Tieni Eccezzjoni**

Illi fit-tieni eccezzjoni l-intimati qed jeccepixxu li dina l-kawza ma setghetx tigi proposta mir-rikorrenti stante illi l-klawsola numru sitta (6) tal-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva (General Conditions) tistipula illi '… If we refuse liability for a claim and this claim is not referred to arbitration within one year from the date of such refusal, the claim shall be deemed to have been withdrawn and cannot subsequently be revived' ( Dok. GMI.1).

Bhala fatt jirrizulta mhux kontestat li l-claim kienet dahlet fl-14 ta' Dicembru, 2005 (Dok. GMI.2) u ntbaghtet ittra ta' rifjut mis-socjeta' ntimata lill-avukat tar-rikorrenti fid-9 ta' Awissu, 2006, u skond l-intimati r-rikorrenti ma kinitx intavolat proceduri ta' arbitragg fi zmien sena mid-data tar-rifjut tal-claim taghha.

**Provi**

**Ir-rikorrenti** xehdet li meta hija assikurat l-karozza permezz tal-broker Joe Busutill dana ma kienx semmielha xejn dwar il-kundizzjoni li jekk issir claim hija kellha sena zmien mid-data tar-rifjut tal-claim biex tmur arbitragg. Hi tghid li sa fejn tista’ tiftakar qatt ma rat il-ktejjeb Private Car Policy  bhal dak li gie ezibit u ma gietx mitluba tiffirma dan il-ktejjeb. Hi kienet imliet proposal form u wara l-broker kien taha certifikat tal-insurance imma mhux ktieb. Hi tinsistii li la meta marret taghmel il-claim ghand Busutill u lanqas meta marret ghand Gasan Mamo biex taghtihom id-dettalji tal-claim, hadd ma semmielha xi arbitragg jew il-ktieb.

**Max Borg Bonello** claims negotiator mas-socjeta intimata spjega li huma kienu irrifjutaw dana l-claim billi r-rikorrenti ma kienitx koperta bl-assikurazzoni kif jirrizulta mill-ittra datata 9 ta’ Awissu 2006. (Dok MBB.2). Fil 19 ta’ April 2007 ircevew ittra ufficjali minghand ir-rikorrenti (Dok MBB3) biex ihallsu izda huma kkonfermaw il-posizzjoni taghhom kif precedentement indikat lilha. Imbaghad ma rcevew xejn aktar minghand l-attrici sakemm giet prezentata dina l-kawza fil 12 ta’ Novembru 2007.  Ix-xhud zied ighid li huma kienu qassmu l-ktejjeb bhad Dok GMl.1 lill agenti taghhom u l-brokers kollha awtorizzati minnhom sabiex johorgu l-poloz ta’ assikurazzjoni. Dawn ighaddu l-ktieb lill kljent u jispjegawlu x’jkun fih.  Zied ighid li fis-sena 2005 kienu qassmu kotba godda bhal Dok GMl.1 lill kull assikurat taghhom meta jgeddu l-polza, inkluza lir-rikorrent.

**Konsiderazzjonjiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta’ kompetenza civili ma hiex eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta’ arbitragg bejn il-partjiet. Il-ligi (742 (3) tal-Kap 12) trid tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta’ tali ftehim ta’ arbitragg  u biex  li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma. (ara sentenza, Qorti ta’ l- Appell ta’ l-4 ta’ Mejju 1998 in re: “George Camilleri -vs- Hugh P. Zammit *nomine).*

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod konklussiv li l-broker ghadda xi ktieb bhala dak ezibit jew li spjega l-kondizzjonijiet li kien hemm fil-ktejjeb lir-rikorrenti. Veru li skond il-gurisprudenza *the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone,* izda f'dan il-kaz jirrizulta li Busutill kien qed jagixxi bl-awtorizzazzjoni ta' l-intimati li xehdu li huma kienu ghaddew il-ktieb bil-kondizzjonijiet lill-broker li kellu jghaddi l-ktieb u jispjega l-kondizzjonijiet lir-rikorrenti, izda dana l-broker ma giex prodott biex jikkonferma dak li qed jallegaw l-intimati li ghamlu.

Ir-rikorrenti xehdet  li la meta marret taghmel il-claim ghand Busutill u lanqas meta marret ghand Gasan Mamo biex taghtihom id-dettalji tal-claim, hadd ma semmielha xi arbitragg jew il-ktieb u dak li xehdet ir-rikorrenti  bl-ebda mod ma gie kontradett mill-intimati.

Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna r-rinunzja ta' dritt trid tirrizulta minn espressjonijet espliciti u univoci, u mhux minn espressjonijiet generici, jew min fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preciza tar-rinunzjant. (Ara Sant Cassia vs N.Deguara App Inf. 1/3/82; u Henry Thake vs C.Borg App Inf. 25.11.1986).

Fil-kaz in ezami l-intimati ma jistghux permezz ta' kondizzjoni fi ktieb li jinghata mal-polza ta' assikurazzjoni jnehhi dritt li r-rikorrent ghandha b'ligi, jekk mhux bi ftehim car u inekwivoku li dan id-dritt qed jigi rinunzjat. F'dan il-kaz din ma kienitx semplici klawsola ta' procedura, imma klawsola illi fiha nnifisha tbiddel sostanzjalment id-drittijiet li l-ligi taghti awtomatikament lill-attrici.

Izda principalment l-eccezzjoni tal-intimati ma tistax tintlaqa ghax tmur kontra l-prattika u gurisprudenza b'materja ta' assikurazzjoni. Skond certi awturi u certa l-gurisprudenza estera *" a party to a contract cannot deny its validity and also rely on an arbitration clause in it"* fis-sens li *"you cannot rely on the arbitration clause and also to rescind the contract for breach of a condition by the party to it"*. Awturi

u gurisprudenza ohra ma jaqblux u jsostnu li "*The avoidance of the policy is from the date of breach, and it still stands for the purpose of reliance upon its terms* (fosthom *l-arbitration clause)*. Imma l-istess awturi kollha jaqblu li "*Generally such clauses in contracts are enforceable as conditions precedent provided that they do not purport ultimately to oust the jurisdiction of the Court*" u "*where the dispute concerns difficult points of law or involves an allegation of fraud.*" F'dawn il-kazijiet "*An allegation of fraud is a good reason for a court's refusing to enforce arbitration*". (Ara John Birds Modern Insurance Law 4th Edition page 250-251).

Issa fil-kaz in ezami l-intimati qed jallegaw li ma kienx hemm cover ta' insurance ghax ir-rikorrenti kisret wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza (ghax halliet il-karozza barra bil-lejl) kif ukoll ghax qed tallega li l-hruq fil-karozza sar dolozament cjoe' hemm allegazzjoni ta' frodi li saret fil-konfront tal-assikurazzjoni. Ghalhekk f'dana l-kaz ir-rikorrenti ma kienitx marbuta bil-kondizzjoni li l-intimati qed jippretendu li kienet torbot lir-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati;
Bl-ispejjez kontra taghhom;
u tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni ghas-7 ta' Novembru, 2008 fl-10.15a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------